MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**ID-DISA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 25a

19 ta' Mejju 2026

Minuti tal-ewwel parti tas-seduta Nru. 25 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta, 19 ta' Mejju 2026 fil-5.30pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti minbarra l-Kunsillier J. Buttigieg li kien skużat minħabba mpenn importanti u l-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar li kienet skużata minħabba raġunijiet ta' xogħol.

Is-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin irreġistrat il-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet u irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieħa/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku G. Micallef.

## Minuti

Il-minuti tas-Seduta Nru. 24 li saret fid-29 ta' April 2026, ġew approvati mingħar korrezzjonijiet.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Il-Ħarġiet Kulturali (A/5/3/Vol XVI)

2.1.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li nhar il-Ħamis, 21 ta' Ġunju 2026 ser issir il-ħarġa kulturali tax-xahar ta' Mejju. Din il-ħarġa ser tkun tikkonsisti fi żjara fil-Gżejjer ta' San Pawl u s'issa hemm ħamsa u għoxrin persuna li ser jattendu. Il-Kunsill ġab il-permessi neċessarji mill-ERA u t-tluq ser ikun bid-dgħajsa mill-Għadira. Is-Sur Dominic Frendo ser ikun il-gwida li ser jakkumpanja l-grupp.

2.1.4. Hija qalet ukoll li huwa ppjanat li l-ħarġa kulturali tax-xahar ta' Ġunju tkun tikkonsisti fiż-żjara fil-gżira Għawdxija u tkun l-aħħar waħda qabel il-waqfa tas-sajf.

2.1.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.2.1. Il-Kunsill Lokali tat-Tfal (Z/1/Vol VI)

2.2.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li l-Kunsill Lokali tat-Tfal ser jiltaqa' fis-26 ta' Mejju 2026 u fit-23 ta' Ġunju 2026. Fil-laqgħa ta' Ġunju 2026 ġie propost li jipparteċipaw ukoll il-membri tal-Kunsill.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħtif mogħti.

## 2.3.1. Attività fid-Dar Residenzjali Madonna tal-Mellieħa fl-okkażjoni tal-Imnarja (A/1/2/Vol VII)

2.3.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li nhar il-Ħamis 30 ta' April 2026, hija kella laqgħa fid-Dar Residenzjali Madonna tal-Mellieħa dwar l-attività li ser issir fil-21 ta' Ġunju 2026, fl-okkażjoni tal-Festa tal-Imnarja. Hija qalet li l-Kunsill intalab jgħin billi jipprovdi stalls jew imwejjed.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.4.1 Il-Pulizija tal-Komunità fil-Mellieħa (P/9/4)

2.4.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-laqgħa mal-Pulizija tal-Komunità saret nhar is-Sibt, 9 ta' Mejju 2026 u l-punti diskussa primarjament kienu dawn:

(i) is-servizz li jingħata minn Malta Red Cross Society fix-xhur tas-sajf fil-Bajja tal-Għadira u fir-Ramla tal-Mixquqa - is-Surġent I. Mifsud qal li din is-sena ser ikun hemm żieda fin-numru ta' lifeguards u anke ġew introdotti cameras mal-istrutturi fejn ikunu l-lifeguards;

(ii) is-cctv cameras li ser jeħlu fl-entraturi tal-Mellieħa – is-Sindku G. Micallef qal li fil-ġimgħat li ġejjin ser jibdew ix-xogħlijiet;

(iii) is-cctv cameras f'Santa Maria Estate – is-Sindku G. Micallef qal li wieħed mis-suppliers li pparteċipa fis-sejħa għall-kwotazzjonijiet intalab jikkjarifika xi dettalji. Appena l-Kunsill ikollu din il-kjarifika f'idejh, ikun jista' jipproċedi;

(iv) dwar is-cctv cameras fl-entraturi tal-Manikata, is-Sindku qal li trid issir laqgħa ma' Transport Malta u LESA sabiex jiġi stabbilit it-tunnellaġġ permissibbli għat-trakkijiet/vannijiet biex jgħaddu mill-Manikata;

(v) dwar il-karrijiet u d-dgħajjes fil-Bajja tat-Torri l-Abjad – is-Surġent issuġġerixxa li ssir laqgħa mal-Assoċjazzjoni tas-Sidien tal-Boathouses ta' din il-bajja sabiex possibbilment jiġu ddentifikati s-sidien ta' dawn l-opri tal-baħar u finalment jiġu kkuntattjati biex dawk li mhumiex jintużaw, jitneħħew;

(vi) il-vetturi 'Y Plates' f'Għajn Tuffieħa – sar suġġeriment biex jiġi ntrodott drop on/drop off point għal dawn il-vetturi u possibbilment ikunu ristretti milli jinżlu viċin ir-Ramla tal-Mixquqa peress li qed ikun hemm konġestjoni kbira tat-traffiku. Din il-proposta ser ssir lil Transport Malta;

(vii) un/loading bay fi Triq in-Naħal – is-Surġent I. Mifsud issuġġerixxa li tiġi ntrodotta un/loading bay fi Triq in-Naħal peress li f'din it-triq qed tinħass il-ħtieġa fid-dawl li żdiedu n-numru ta' stabbilimenti tal-ikel, eċċ. Din il-proposta ser titressaq lil Transport Malta;

(viii) l-attivitajiet annwali tal-Kunsill – is-Sindku G. Micallef għarraf li f'Ġunju ser issir il-Ħuġġieġa tradizzjoni tal-Festa ta' San Ġwann u f'Lulju ser issir iċ-ċerimonja ta' Jum il-Kunsill u l-Iljieli Melleħin. Ġie ssuġġerita ukoll li f'Lulju ssir il-laqgħa dwar il-kordinazzjoni tal-Festa ta' San Ġużepp fil-Manikata u tal-Vitorja fil-Mellieħa;

(ix) l-iskema 'Neighbourhood Watch' fil-Manikata – is-Surġent qal li ser isir tentattiv ieħor biex possibbilment aktar residenti jipparteċipaw f'din l-iskema, peress li s'issa kien hemm għaxar applikazzjonijiet biss;

(x) 'WhatsApp Channel' tat-Tim tal-Pulizija tal-Komunità – is-Surġent għarraf li t-tim tal-Pulizija tal-Komunità ser ikun qed iniedi 'WhatsApp Channel' għall-benefiċċju tar-residenti tal-lokalità. Din l-inizjattiva għadha fil-bidu tagħha.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.5.1 Inizjattiva 'Zokkor fuq iz-Zuntier' (K/16)**

2.5.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li l-Kunsill ġie avviċinat minn Standard Committee on Public Health fi ħdan Malta Medical Student Association (MMSA) dwar l-inizjattiva msemmija li l-għan tagħha huwa mmirat biex tinħoloq aktar kuxjenza dwar id-Dijabete u l-Hypertension.

2.5.3. Hija qalet li din l-inizjattiva ser issir nhar il-Ħadd 2 ta' Awwissu 2026 fid-9.00am fuq iz-zuntier tal-Knisja Arċipretali.

2.5.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.6.1. Oral Health Talks fil-Komunità (K/16)**

2.6.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li s-Sur Justin Degabriele li huwa Dental Hygienist bagħat imejl lill-Kunsill dwar l-inizjattiva 'Oral Health Talks' li hu flimkien ma' kollega tiegħu qed jorganizzaw fil-komunitajiet. Hija qalet li s-Sur J. Degabriele ippropona li din it-talk issir fl-24 ta' Lulju 2026 fis-sala tal-Kunsill, għall-benefiċċju tar-residenti.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.7.1. Tnedija tal-Pubblikazzjoni ta' Kitbiet tal-mibki s-Sur Joseph Felix Cachia (P/4/5/Vol III)**

2.7.2. Dwar it-tnedija tal-pubblikazzjoni 'Snajjin', is-Sindku għarraf li d-data ġiet iffisata għal nhar il-Ġimgħa 12 ta' Ġunju 2026 fis-7.00 ta' filgħaxija fi Ġnien l-Għoljiet.

2.7.3. Huwa qal li din l-attività ġiet kordinata kollha kemm hi maż-żewġt itfal tal-mibki s-Sur Joseph F. Cachia.

2.7.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.8.1. Laqgħa dwar il-Konklużjoni tal-Compliance Audit (F/1/2 Vol X)**

2.8.2. Is-Sindku G. Micallef qal li nhar l-Erbgħa, 6 ta' Mejju 2026 huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attendew għall-'Closure Meeting' dwar il-Compliance Audit li sar mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika. Preżenti għal din il-laqgħa, is-Sindku qal li kien hemm erba' membri mill-Governance Action Directorate, id-Direttur Ġenerali tal-Gvern Lokali s-Sur Emil Vassallo flimkien ma' żewġ membri mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali u s-Sur Stephen Vassallo mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti.

2.8.3. Huwa qal li kienet laqgħa pożittiva ħafna fejn dawk kollha preżenti daru r-rapport ta' 'l fuq minn mitt paġna li tħejja u li kien fih numru ta' azzjonijiet li l-Kunsill kellu jieħu biex itejjeb il-performance tiegħu. Uħud minn dawn l-azzjonijiet kienu magħluqa sad-data tal-laqgħa u kien għad fadal numru ta' azzjonijiet li kien għadhom 'ongoing'.

2.8.4. Is-Sindku qal li l-membri kollha preżenti dehru sodisfatti bil-performance in ġenerali tal-Kunsill u min-naħa tiegħu l-Kunsill ser jibqa' jaġġornahom bl-iżviluppi li jista' jkun hemm minn żmien għal żmien.

2.8.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 3.1.1. Proġett Ġnien fi Triq Mons. F. Xuereb/Etna/Għasel (P/4/27)

3.1.2. Dwar il-proġett imsemmi, is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill irċieva talba minn Project Green kif ukoll mill-Onor. Robert Cutajar M.P. sabiex dan il-ġnien jissemma' għall-mibki s-Sur Alfred Borg li serva bħala superjur tal-Mużew għal numru sabiħ ta' snin fil-Mellieħa.

3.1.3. Huwa qal li s-Sur Alfred Borg kien ta kontribut kbir u siewi fil-Mellieħa fejn ħadem fil-viċin ta' ħafna żgħażagħ li kienu jattendu l-mużew tas-subien. Huwa qal ukoll li s-Sur Alfred Borg kien maħbub ħafna fil-Mellieħa u dan kollu l-Kunsill irrikonxxieh meta fis-sena 2022 onora lis-Sur Alfred Borg bl-unur ta' 'Ġieħ il-Mellieħa.

3.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel ma' din il-proposta.

### 3.2.1. Installazzjoni ta' Cameras tas-Sigurtà f'Santa Maria Estate (C/9)

3.2.2. Is-Sindku rrefera għas-silta 3.2.1. tal-minuti tas-seduta preċedeni u għarraf li l-Kunsill talab kjarifika lis-supplier ISPY Limited kif issuġġerit mill-Ing. Jordan Cutajar.

3.2.3. Is-Sindku qal li iSPY Ltd wieġbu l-kjarifika u l-Ing. J. Cutajar irrakkomanda li l-Kunsill għandu jipproċedi ma' dan is-supplier peress li l-kwotazzjoni tiegħu kienet l-aktar waħda vantaġġjuża u kienet compliant mar-rekwiżiti tal-kwotazzjoni.

3.2.4. Għal dan il-għan, iSpy Ltd ser jibda l-proċess ta' installazzjoni fil-ġimgħat li ġejjin.

3.2.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 3.3.1 Il-Librerija Pubblika tal-Mellieħa (L/4/Vol IV)

3.3.2. Dwar il-librerija pubblika, is-Sindku G. Micallef għarraf li huwa kellu laqgħa mal-Kap tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa s-Sur Ralph Camilleri, li kkonferma li l-iskola qed tagħmel użu massimu mill-prefabricated classrooms kollha.

3.3.3. Il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li l-ftehim kien li lill-Kunsill jagħtuh tnejn apparti.

3.3.4. Il-Kunsillier K. Buttigieg issuġġerixxa li l-Kunsill jikkunsidra jpoġġi container fi Triq Ġuże' Flores, iżda s-Sindku wieġeb li hemm proposta biex fi Triq Ġuże' Flores isir padel court.

3.3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 4.0. Tqegħid ta' karti

- Minuti tal-Laqgħa tal-Kumitat t'Evalwazzjoni – 28/04/2026;
- Administration Officer Interview Report – 28/04/2026;
- Skeda dwar Akkwist ta' Servizzi u Materjal – 16/05/2026;
- Skeda ta' Pagamenti – 26/04/2026 – 16/05/2026;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

**5.1.1. Attività Sportiva bil-kollaborazzjoni tal-Malta Football Association (S/4/2 Vol V)**

5.1.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li peress li din l-attività ġiet posposta, huwa ser jissuġġerixxi li din l-attività tkun inkorporata mal-Iljieli Melleħin 2026 u possibbilment issir il-Ħadd, 26 ta' Lulju 2026 filgħodu.

5.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif.

**5.2.1. Il-Proġett ta' Lampi Ġodda fi Triq il-Kbira, Triq il-Padrun, Triq E. Camilleri u Triq il-Peprin (E/1/3/Vol VI)**

5.2.2. Is-Sindku G. Micallef irrefera għas-silta 5.2.1. tal-minuti tas-seduta preċedenti u għarraf li l-Kunsill għadda l-block plan ta' Triq Edward Camilleri lil Transport Malta kif mitlub. Issa jonqos biss li Transport Malta toħroġ il-permess neċessarju biex ix-xogħol ikun jista' jibda.

5.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.3.1. Ħsarat wara l-Maltempata 'Harry' (D/3/1/Vol XIV)**

5.3.2. Is-Sindku għarraf li d-Dipartiment tax-Xogħlijiet ser jibda xogħlijiet ta' tiswijiet fuq taraġ f'Dawret it-Tunnara. Huwa qal li dan it-taraġ ġarrab ħsarat estensivi u għaldaqstant kien neċessarju li jsir dan l-intervent.

5.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.4.1 Il-Ġbir tal-Iskart Domestiku (K/6/2/Vol VI)**

5.4.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li fir-rigward tal-ġbir tal-iskart organiku, qed jinnota li l-ilmenti fuq spillages naqsu.

5.4.3. Madanakollu, is-Sindku G. Micallef qal li l-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart partikularment fil-ġurnata tal-Ħamis meta jsir il-ġbir tal-iskart riċiklabbli, mhumiex qed jiġu rrispettati. Fil-fatt, huwa qal li l-iskart riċiklabbli qed idum barra fit-toroq sa tard filgħaxija.

5.4.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.5.1 Il-Proġett tat-Taraġ fi Triq il-Madonna tal-Għar (P/4/17)**

5.5.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li x-xogħlijiet fit-taraġ fi Triq il-Madonna tal-Għar bdew fil-11 ta' Mejju 2026 u l-kuntrattur miexi ġmielu..

5.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.6.1. Proġetti tal-Kunsill (M/8 Vol VIII)**

5.6.2. Is-Sindku għarraf li l-Kunsill għadu kif waħħal tliet AED's fil-lokalità kif ġej:

(i) wieħed f'Misraħ il-Parroċċa;

(ii) wieħed f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II; u

(iii) fil-promenade tal-Għadira

5.6.3 Huwa qal ukoll li l-AED's ġew inklużi fil-mobile app AED Malta għall-benefiċċju tal-pubbliku in ġenerali.

5.6.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.7.1 Sports Festival fil-Manikata (S/4/2 Vol V)**

5.7.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg għarraf li huwa ġie avviċinat mill-Kappillan tal-Manikata Rev. Matthew Pulis dwar Sports Festival li l-parroċċa tixtieq torganizza nhar it-Tnejn, 29 ta' Ġunju 2026 fil-Manikata.

5.7.3. Huwa qal din l-attività hija l-ewwel tax-xorta tagħha li qed issir fil-Manikata u ssuġġerixxa li l-Kunsill jikkollabora fl-għeluq tat-toroq, il-loġistika, il-kuntatti u x-xiri ta' trophies u midalji.

5.7.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.8.1. Jum l-Omm 2026 (A/5/3/Vol XVI)**

5.8.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li kemm ir-residenti tad-Dar Residenzjali tal-Mellieħa kif ukoll il-membri taċ-Ċentru Anzjanità Attiva tal-Mellieħa ħadu gost ħafna bit-tifkira żgħira li l-Kunsill ippreżenta fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm.

5.8.3. Hija qalet li rringrazzjaw ħafna lill-Kunsill.

5.8.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.9.1. L-Edizzjoni ta' Eco-Market 2026 (A/6/3 Vol X)**

5.9.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-edizzjoni ta' din is-sena ta' Eco-Market ser issir bejn l-20 u t-23 ta' Awissu 2026 f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II.

5.9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.10.1. Xogħlijiet mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fit-Toroq Prinċipali (W/2/Vol IV)**

5.10.2. Dwar ix-xogħlijiet mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fi Triq il-Marfa, il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li l-kuntrattur beda jagħti l-asfalt u waslu sa Triq it-Trill.

5.10.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li proprju llum huwa ltaqa' ma' wieħed mill-ħaddiema tal-kuntrattur li qiegħed jaħdem, sabiex possibbilment permezz ta' cctv cameras jiġu spezzjonati l-culverts li minnhom jgħaddi l-ilma tax-xita. Dan bil-għan li kemm-il darba hemm xi blockages, ix-xogħol meħtieġ ikun jista' jsir bħalissa kif għadhom għaddejjin ix-xogħlijiet. Is-Sur E. Bartolo qal li l-kuntrattur għandu jibgħat kwotazzjoni lill-Kunsill għal dawn ix-xogħlijiet u kien hemm qbil li kemm-il darba jinstabu xi blockages, jekk dawn ġew ikkawżati mill-kuntrattur stess, il-Kunsill m'għandux jeħel bl-ispejjeż hu. Il-Kunsill ser jerfa' biss l-ispiża ta' blockages li possibbilment ilhom hemm.

5.10.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.11.1. Il-Proġett 'Solidarity Project in the Community' iffinanzjat minn Erasmus+ tal-Unjoni Ewropea (P/10/41)**

5.11.2. Dwar il-proġett 'Different Stories, One Community - Voice of Mellieħa through Youth-Led Intercultural Connections', il-Kunsillier J. Cauchi għarraf li l-ewwel attività ta' 'Story Telling Activity' li kellha ssir fit-28 ta' Mejju 2026 ġiet posposta minħabba l-Elezzjoni Ġenerali.

5.11.3. Is-Sur J. Cauchi qal ukoll li huwa flimkien mal-Project Leader qed jiltaqgħu ma' persuni barranin li jgħixu l-Mellieħa sabiex possibilment dawn jipparteċipaw fl-attivitajiet li ser isiru permezz ta' dan il-proġett, u anke possibilment waqt l-Iljieli Melleħin. L-għan finalment huwa li ż-żgħażagħ ikunu parteċipi kemm jista' jkun anke fl-organizazzjoni ta' dawn l-attivitajiet.

5.11.4. Huwa qal ukoll li ssemmiet proposta ta' 'Outdoor Cinema' u waħda mill-options kienet li din issir Selmun. Is-Sur K. Buttigieg issuġġerixxa li ssir fil-Park tal-Familja jew fejn hemm l-area tal-benches jew fil-multi purpose court. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li fil-Park tal-Familja taf ikun hemm problema ta' sound.

5.11.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.12.1. It-Tletin Sena Anniversarju mill-Iffirmar ta' Ġemellaġġ bejn il-Mellieħa u Adenau (K/1/5/Vol V)

5.12.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill ser jirreċiproka l-istedina ta' Stadt Adenau billi jistieden lis-Sindku u żewġ membri għaċ-ċerimonja ta' Jum il-Kunsill, li matulha ser jitfakkar ukoll dan l-anniversarju Importanti u għall-Iljieli Melleħin.

5.12.3. Huwa qal li l-Management tal-Maritim Antonine Hotel & Spa ġentilment offrew li jospitaw mingħajr Ħlas, id-delegazzjoni ta' Stadt Adenau u anke id-delegazzjoni mill-Comune di Cavriglia li ser ikunu qed jakkumpanjaw iż-żgħażagħ li ser iżuru l-Mellieħa f'Lulju wkoll.

5.12.4. Dwar id-delegazzjoni mill-Kunsill li ser titla' Cavriglia bejn is-17 u t-22 ta' Settembru u Adenau bejn it-2 u l-4 ta' Ottubru 2026, is-Sindku qal li ser nistennew sa seduta oħra u naraw min huwa interessat.

5.12.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.13.1. Ingaġġ ta' Clerical Officer fi Skala 15 (P/7/1/Vol XVII)

5.13.2. Is-Sindku G. Micallef irrefera għas-silta 5.13.1. tal-minuti tas-seduta preċedenti u għall-ħatra tas-Sinjura Y. Muscat bħala Administration Officer II fi Skala 10, u ssuġġerixxa li l-Kunsill joħroġ it-tieni sejħa għall-Clerical Officer fi Skala 15 sabiex jimtela' l-post vakant fil-Front Office/Customer Care.

5.13.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li jagħmel talba uffiċjali lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

## 5.14.1. Sessjonijiet fuq it-Teknoloġija tal-Informatika (IT) fil-Komunità (K/16)

5.14.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li hija ġiet avviċinata mill-Foundation for Information Technology Accessibility (FITA) dwar servizzi li bħala fondazzjoni qed joffru fil-komunitajiet. Fil-fatt, hija qalet li l-fondazzjoni toffri sessjonijiet b'xejn dwar it-Teknoloġija tal-Informatika lill-anzjani tal-komunità.

5.14.3. Il-ħsieb huwa li bejn is-16 ta' Settembru u l-21 ta' Ottubru 2026, il-Kunsill bil-kollaborazzjoni ta' FITA jorganizza sitt sessjonijiet jew fl-uffiċċju tal-Kunsill jew inkella fiċ-Ċentru Anzjanità Attiva tal-Mellieħa.

5.14.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.15.1. Titjib ta' Triq magħrufa 'Ta' Bejn il-Ġonna' permezz ta' i73.3 Off Farm Investment (Infrastructure Rural Roads) (P/10/42)

5.15.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li b'rabta mas-silta 5.15.1 tal-minuti tas-seduta preċedenti, Delta Projects ġie awarded dan il-kuntratt u Delta Projects aċċetta l-award. Issa jmiss li ssir laqgħa ma' Delta Projects biex jiġu onorati l-klawsoli elenkati f'dan il-kuntratt sabiex ix-xogħol ta' resurfacing ta' din it-triq, ikun jista' jsir saż-żmien stipulat.

5.15.3. Dwar il-bilaterali meeting li l-Managing Authority sejħet nhar il-Ħamis 7 ta' Mejju 2026, huwa qal li matul din il-laqgħa l-Kunsill ta spjega dwar f'hiex wasal dan il-proġett u miżuri li jridu jittieħdu biex il-Kunsill ikun konformi mar-regoli stabbili mill-Unjoni Ewropeja b'rabta ma' proġetti simili.

5.15.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.16.1. Sejħiet għall-Offerti (K/6)

5.16.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li fil-5 ta' Mejju 2026, il-Kunsill ħareġ is-Sejħa għall-Offerti MLC 04/2026 – Manikata Parish Church Architectural Lighting, liema sejħa tagħlaq fil-5 ta' Ġunju 2026.

5.16.3. Huwa fakkar li s-Sejħa għall-Offerti MLC 06/2026 dwar ix-Xiri ta' Electric Van ser tagħlaq fil-21 ta' Mejju 2026.

5.16.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.17.1. Ħlasijiet tal-Kontijiet tal-ARMS Ltd fl-Uffiċċju tal-Kunsill (K/1/6/Vol III)

5.17.2. Dwar il-polza tal-assigurazzjoni tal-flus miżmuma fl-uffiċini tal-Kunsill, is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet li l-polza tal-assigurazzjoni li għandu l-Kunsill hija kif jidher hawn taħt.

**Circumstances, Situations and Limits**

| | |
|---|---|
| In transit | €23,293.73 |
| Within the insured premises during business hours not contained in a locked safe | €23,293.73 |
| Within the insured premises out of business hours contained in a locked safe or strong room | €23,293.73 |
| Within the insured premises out of business hours not contained in a locked safe or strong room | €1,164.69 |
| Estimated annual carryings | €1,800,000.00 |

5.17.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li uffiċini bħal tal-Maltapost plc huma mgħammra b'ċertu security features li tajjeb li l-Kunsill jikkunsidrahom.

5.17.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.18.1. Bus Interchange proposta fi Triq Selmun (T/5/1 Vol II)

5.18.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li nhar it-Tlieta, 12 ta' Mejju 2026 kien hemm seduta tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar li matulha kien hemm is-smiegħ tal-appell li l-Kunsill għamel wara d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar fuq il-proposta msemmija.

5.18.3. Is-Sindku qal li għal dIn is-seduta li saret b'mod virtwali, attendew flimkien miegħu l-Kunsillier E. Bartolo u s-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin. Huwa qal li l-Kunsill kien assistit minn Dr Claire Bonello.

5.18.4. Is-Sindku qal li s-Sur David Sutton f'isem Transport Malta intalab jagħti x-xhieda tiegħu fuq is-sehem li Transport Malta kellha f'din l-applikazzjoni. Is-Sindku min-naħa tiegħu kellu jixhed fuq l-affidavit li l-Kunsill intalab jagħmel. Huwa kompla billi qal li l-Kunsill ser jibqa' jinsisti fuq din il-proposta.

5.18.5. Min-naħa tiegħu l-Kunsillier E. Bartolo qal li meta l-Kunsill ħareġ b'din il-proposta kien hemm commitment sħiħ, tant li ħafna mix-xogħol kienet ser tagħmlu Infrastructure Malta.

5.18.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.19.1. Tindif ta' Toroq Mhux Urbani (T/4/6/Vol V)

5.19.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri rrimarka li fil-Masġar tal-Aħrax hemm problema kbira ta' skart li jitħalla minn min jiffrekwenta l-post.

5.19.3. Is-Sindku G. Micallef qal li qabel ma tiġi riveduta l-bye law tal-ikkampjar u possibbilment il-Kunsill ikun jista' jżomm deposit li jingħata lura biss kemm-il darba l-individwu jkun ħalla l-post nadif kif sabu, ma jarax alternattivi oħra kif din il-problema tista' tissolva.

5.19.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.20.1. Xogħlijiet mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u mill-Korporazzjoni Enemalta fil-Mellieħa (W/2/Vol IV) (E/1/Vol III)

5.20.2. Is-Sindku G. Micallef irrefera għax-xogħlijiet t'emerġenza li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għamlet riċentement fi Triq il-Barkazza u fi Triq l-Għar u Casa. Huwa qal li sfortunatament il-kuntrattur li għamel ix-xogħlijiet ħalla xogħlijiet mhux kompluti partikularment fejn jidħlu l-bankini u x-xogħol tal-asfalt. Huwa ġie infurmat b'każ ta' tifel li jgħix f'dawn l-akkwati u li sfortunatament ibati bl-ażma.

5.20.3. Is-Sindku qal li illum bdew it-tiswijiet tal-bankijiet u wara ser isir l-asfalt.

5.20.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.21.1. SPI.SCI.10.2025 - Korsijiet Lifelong Learning 2026 – 2027 (E/3/1/Vol V) (E/3/1/9/Vol IV)

5.21.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li l-Kunsill ġie mgħarraf li minn Ottubru li ġej dawn iż-żewġ korsijiet ser ikunu uffruti fis-sala Joseph Borg fl-uffiċċju tal-Kunsill:
(i) Malti għall-Barranin;
(ii) Ingliż għall-Barranin.

5.21.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.22.1. Użu ta' Generator minn Stabbiliment f'Paradise Bay (X/1/4 Vol II)

5.22.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill irċieva imejl datat 19 ta' Mejju 2026 mingħand il-Management ta' Paradise Bay Lido, li talbu li fuq sit f'Paradise Bay jitpoġġa temporanjament generator biex f'każ li ma jkunx hemm provvista ta' dawl, ikun jista' jintuża l-generator minflok.

5.22.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u ma sabx oġġezzjoni sakemm il-Management jieħu ħsieb li jkollu l-permessi neċessarji mill-Awtorità tal-Artijiet u entitajiet oħra konċernati.

### 5.23.1. Rijallokazzjoni tal-iBins ta' Triq Ta' Fuq il-Migduma (K/6/10 Vol IV)

5.23.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill irċieva petizzjoni mir-residenti li joqogħdu fil-binja 'Townsend', Triq Ta' Fuq il-Migduma, il-Mellieħa biex l-ibins li hemm f'din it-triq jiġu riallokati.

5.23.3. Is-Sindku qal dawn ir-residenti qed jilmentaw li qed ibatu minn inkonvenjenzi varji primarjament l-istorbju kkawżati meta jiġi mormi l-ħġieġ.

5.23.4. Is-Sindku qal li fil-passat il-concern kien li dawn l-iBins kienu qed iservu ta' dumping areas. Illum li għandek ir-residenti jgħixu viċin, il-problemi huma oħrajn. Huwa ssuġġerixxa li jintlaħaq qbil mal-Greenpak Co-operative li n-numru ta' iBins ikun bħal ta' nħawi oħra. Huwa nfurmat li hemm Kunsilli Lokali li neħħewhom għal kollox. Huwa ssuġġerixxa wkoll li l-Kunsill jissuġġerixxi żewġ siti alternattivi: Triq Selmun u Tat-Tomna. Ovvjament f'dawn is-siti, Greenpak trid tieħu ħsieb li jkun hemm is-cctv cameras installati.

5.23.5. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li huwa jaqbel li l-iBins jitneħħew minn dan is-sit u jissuġġerixxi li fejn jitpoġġew ma jkunx hemm iBins tal-kontenituri tal-ħġieġ.

5.23.6. Il-Kunsillier E. Bartolo issuġġerixxa li jkun hemm trial ta' sitt xhur.

5.23.7. Is-Sindku qal li ser jikkomunika dan kollu mal-Greenpak Co-operative.

5.23.8. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.24.1. 'European Week of Regions and Cities 2026' (F/3/Vol X)

5.24.2. Is-Sindku għarraf li l-Kunsillier J. Cauchi ser ikun ir-rappreżentant tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa u ser jattend għall-European Week of Regions and Cities 2026 li ser issir fi Brussel bejn it-12 u l-14 ta' Ottubru 2026.

5.24.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.25.1. Jum il-Kunsill 2026 (A/5/3/1)

5.25.2. Dwar il-Bord tar-Rakkomandazzjoni dwar l-Għoti tal-Onorefiċenzi, is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Prof. Anna Borg aċċettat n-nomina tal-Kunsill biex tkun iċ-Chairperson ta' dan il-Bord.

5.25.3. Huwa qal li l-Kunsill ser jibgħat ittra ta' nomina wkoll li Dr Maronia Fenech u Dr Jonathan Vella. Ittra ta' ringrazzjament ser tintbagħat lis-Sur Grazio Barbara, lis-Sinjura Carmen Walls u lis-Sinjura Margaret Cutajar li servew f'dan il-Bord għal numru ta' snin u taw kontribut siewi.

5.25.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.26.1. Ir-Rotot 44 u 238 tat-Trasport Pubbliku (T/5/1/Vol )

5.26.2. Il-Kunsillier J. Cauchi talab kjarifika dwar ir-rotot imsemmija tat-Trasport Pubbliku minħabba li l-anzjani li jgħixu l-Manikata m'għandhomx servizz tat-trasport pubbliku dirett għall-Polyclinic tal-Mosta.

5.26.3. Is-Sindku kkonferma li sfortunatament s'issa m'hemmx servizz dirett pero' saru diversi talbiet minn dan il-Kunsill biex possibilment l-Malta Public Transport jikkunsidraw rotta alternattiva li titlaq minn Għajn Tuffieħa tgħaddi mill-Mosta u tieqaf fejn l-isptar Mater Dei.

5.26.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.27.1. Inizjattiva Community Profiling (K/16)

5.27.2. Il-Kunsillier J. Cauchi għarraf li wara kuntatt li huwa kellu ma' Culture Venture, Culture Venture taw il-go ahead lill-Kunsill sabiex ikun jista' jippubblika l-istudju u jużah kif jixtieq.

5.27.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.28.1. Proposta biex Bankijiet f'Ġonna Pubbliċi Jinżebgħa b'Kuluri Differenti (U/2)**

5.28.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri ssuġġerixxa li peress li l-proposta tal-Kunsill sabiex zebra crossings jinżebgħu bil-kuluri tal-qawsalla bil-għan li tinħoloq aktar kuxjenza favur l-ugwaljanza, huwa ssuġġerixxa li possibbilment jinżebgħu bankijiet li qegħdin fil-ġonna pubbliċi minflok.

5.28.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.29.1. Fly Boarding fl-Armier u fil-Mistra (X/1/4/Vol II)**

5.29.2. Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet li l-Kunsill irċieva żewġ talbiet minn Aqua Fly sabiex fix-xhur tas-Sajf ikun jista' jiġi pprattikat l-isport ta' fly boarding fil-bajjiet tal-Armier u tal-Mistra.

5.29.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li jwieġeb li peress li l-bajjiet mhumiex taħt ir-responsabbiltà diretta tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa, l-applikanti għandhom jiksbu l-permessi meħtieġa mingħand l-entitajiet responsabbli u jitħalla aċċess sigur għall-pubbliku u għall-għawwiema.

**5.30.1. Sessjonijiet ta' Foot Volley fil-Bajja tal-Għadira (S/4/2 Vol V)**

5.30.2. Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet li l-Kunsill irċieva talba mingħand Beach Flow Academy sabiex fix-xhur tas-Sajf jorganizzaw sessjonijiet ta' Foot Volley għal tfal minn ħames snin 'il fuq fil-Bajja tal-Għadira.

5.30.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li jitlob aktar informazzjoni peress li din mhux ħa tkun attività ta' darba u qed issir minn akkademja privata.

**5.31.1. Danni kkawżati fuq vetturi fi Triq il-Miżieb (D/5 Vol III)**

5.31.2. Is-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin għarrfet li l-Kunsill kien irċieva talba għall-kumpens mingħand is-Sur George Pisani għal ħsara li allegatament il-vettura tiegħu ġarrbet fi trejqa li jużaw il-bdiewa li tinsab fi Triq il-Miżieb.

5.31.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li l-Kunsill m'għandux jinżamm responsabbli peress li l-post fejn allegatament seħħ saret il-ħsara hija trejqa fir-raba' u mhux triq prinċipali u s-sewwieqa għandhom ikunu responsabbli kif isuqu f'kull ċirkustanza.

**5.32.1. Il-Festa Tradizzjoni tal-Ħuġġieġa ta' San Ġwann u l-Iljieli Melleħin 2026 (A/5/5) (A/5/3/5)**

5.32.2. Is-Sindku G. Micallef ikkonferma li fil-Festa Tradizzjonali ta' San Ġwann li din is-sena ser issir nhar it-Tlieta, 23 ta' Ġunju 2026 ser jieħdu sehem l-Għaqda Mużikali Imperial, is-Societa' Filarmonica La Vittoria, l-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina, il-Mellieħa Scout Group, il-Grupp tal-Armar, l-Għaqda tan-Nar Maria Bambina, Artemocion Dance & Leisure Studio, il-membri taċ-Ċentru Anzjanità Attiva tal-Mellieħa, Fuklar Folk Group, In Guardia Renactment Group u Anakron Living History Group.

5.32.3. Dwar l-edizzjoni ta' din is-sena tal-Iljieli Melleħin, is-Sindku qal li bdew il-kuntatti u l-preparamenti neċessarji. Fil-fatt qed isiru kuntatti ma' artisti u bands lokali, mal-għaqdiet u organizzazzjonijiet lokali, m'entitajiet pubbliċi li normalment jipparteċipaw, kif ukoll qed isiru s-sejħiet għall-offerti neċessarji sabiex jinstabu l-fornituri li ser jagħtu s-servizzi neċessarji matul it-tlett ijiem. Huwa qal li appena l-Kunsill ikollu draft tal-programm ta' kull ġurnata, dan ikun jista' jintbagħat lill-membri tal-Kunsill.

5.32.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 6.1.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku G. Micallef illi tgħid:

"Fid-dawl ta' deċiżjonijiet li ttieħdu f'seduta preċedenti sabiex jinħatar Administration Office fi Skala 10;

Billi l-Artiklu 53(1)(a) tal-Att dwar Kunsilli (Kap. 363) jipprovdi li l-Kunsill għandu jaħtar lil dawk l-impjegati l-oħra, apparti s-Segretarju Eżekuttiv, li l-Kunsill jidhirlu meħtieġa għall-qadi effiċjenti tal-funzjonijiet tiegħu;

Billi permezz ta' imejl datat 13 ta' Mejju 2026, id-Dipartiment tal-Gvern Lokali, flimkien ma' l-Aġenzija Jobsplus, awtorizzaw l-inġaġġ ta' Administration Office fi Skala 10 wara sejħa interna;

Billi bis-saħħa ta' permess maħruġ mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali fl-10 ta' Marzu 2026 ġiet intervista l-unika kandidata li applikata u li kellha r-rekwiżiti meħtieġa;

Billi l-Bord tal-Għażla, maħtur mill-Kunsill fis-seduta Nru. 4 tat-30 ta' Settembru 2024, fir-rapport tiegħu tat-28 ta' April 2026, irrakkomanda l-ħatra ta' Ms Yvonne Muscat (302573M) bħala Administration Officer fi Skala 10;

Il-Kunsill jirriżolvi li mill-aktar fis possibbli għandu jiġi iffirmat kuntratt tax-xogħol definit għall-perjodu ta' tliet snin mal-persuni msemmija." (P/7/1/Vol XVI)

Il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier J.Buttigieg.

### 6.2.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri li tgħid:

"Billi saret sejħa għall-offerti CFT MLC 01/2026, skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), li tinvolvi 'Resurfacing Works on Rural Road 'Bejn il-Ġonna' in a Resource Efficient Manner Which Considers Wider Environmental Impacts Within The Locality of Mellieħa' liema proġett qed jitwettaq permezz ta' Fondi Ewropej – Intervention 73.3 Under the Common Agricultural Police – Strategic Policy 2023 – 2027;

Billi saret evalwazzjoni mill-Kumitat ta' Evalwazzjoni taż-żewġ offerti sottomessi, skont il-minuti tal-15 u tat-28 ta' April 2026; u

Billi l-Kunsill alloka fondi għal dan il-għan taħt il-Vot 7502 fl-Estimi għas-Sena Finanzjarja 2026;

Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-offerent Delta Projects Limited li rriżulta konformi mal-kriterji stabbiliti bi spiża ta' €187,573.84 bit-taxxa miżjuda.". (P/10/27)

Il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

### 7.1.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

7.1.2. Ġiet imressqa Skeda ta' Akkwist ta' Servizzi u Materjal datata 16 ta' Mejju 2026.

7.1.3. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri l-perjodu bejn is-26 ta' April 2026 u s-16 ta' Mejju 2026.

7.1.4. Il-Kunsill approva l-iskedi kollha mressqa, u kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://melliehalc.gov.mt/skeda-ta-hlasijiet/

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn il-membri kollha s-seduta spiċċat fis-7.00pm, u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis, 25 ta' Ġunju 2026 fil-5.30pm.

Gabriel Micallef
**Sindku**

Marica Gambin
**Segretarju Eżekuttiv**